XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 397*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 25*
*Il-Ġimgħa 18 ta' Settembru, 2009*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7.15pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku* |
| | *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku* |
| | *Mr Hubert Saliba* |
| *Skużati:* | *Mr. Teddy Mizzi* |
| | *Dr. Marthese Portelli* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 396 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-18**

**2. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Kunsill irċieva email minn għand Ms Gemma Debono (Monitoring Unit, Dipartiment Għall-Gvern Lokali) fejn ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsill sal-aħħar ta' Marzu 2009 (l-aħħar tas-sena finanzjarja 2008/09). Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sitwazzjoni finanzjarja. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-iżbilanċ li kelna sal-aħħar ta' Marzu issa spiċċa u sal-aħħar tas-sena finanzjarja 2009/10 mistenni li jkolna bilanċ kif titlob il-liġi (ta' 10%). Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jkompli jaħdem biex is-sitwazzjoni finanzjarja tkun kif titlob il-liġi. Il-Kunsill qabel unanimament li biex dan ikun possibbli għal din is-sena finanzjarja mhux possibbli li noħorġu offerti biex isiru xogħlijiet (proġetti kapitali) ġodda. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Ms Debono li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tinsab taħt kontroll u mistenni li sal-aħħar tas-sena finanzjarja (Marzu 2010) ikolna bilanċ ta' 10%.

ii. Il-Kunsill irċieva talba minn għand Alessia (kantanta mix-Xewkija) biex il-Kunsill jgħinha finanzjarment biex toħroġ it-tieni single tagħha. Il-Kunsill qabel li l-liġi ma tippermettix li l-Kunsill jagħti sponsor iżda qabel li għandna ngħinuha billi nistiednuha u tieħu sehem waqt l-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill. Għalhekk Alessia se tiġi

nfurmata dwar dan u anke se tiġi mitluba biex tieħu sehem waqt l-attivitajiet ta' Jum ix-Xewkija.

iii. L-Arċipriet informa lill-Kunsill li l-attivita ta' sports li ssir fi żmien il-festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu. Il-Kunsill qabel li kif isir ta' kull sena nixtru t-trophies/medalji biex jitqassmu lit-tfal li jipparteċipaw f'din l-attivita sportiva.

iv. Il-Kunsill irċieva il-permess dwar il-Ġnien Ta' Blankas minn għand il-Mepa. Il-Kunsill irċieva ukoll ittra mit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern fejn talbu nformazzjoni (pjanti) dwar dan il-permess. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-Perit Lino Bianco sabiex jgħaddi din l-informazzjoni lit-Taqsima Proprjeta' tal-Gvern.

## 3. Materja oħra

i. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li kien irċieva ilmenti dwar li parti minn Triq il-Kav. L. Z. Haber tinsab fi stat ħażin u hemm periklu għal min jgħaddi minn hemm kemm bil-vettura u anke bil-miexi. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Saliba għandu jmur jara eżatt x'hemm bżonn isir u b'hekk jiġi ordnat li jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa kull periklu.

ii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li irċeviet ħafna lmenti dwar il-ħmieġ taż-żwiemel f'diversi toroq madwar ir-raħal kollu. Is-Sindku qalet ukoll li kellha ilmenti dwar tal-minbuses u taxes li qed jipparkjaw ħażin fil-pjazza bil-konsegwenza li jkun hemm konġestjoni ta' traffiku kull filgħodu. Barra minn hekk dawn qed ikunu ta' periklu u jistgħu jikkaġunaw xi inċident ikrah. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li qed ikun hemm ħafna li jgħaddu kontra l-one way ta' Triq San Pawl bil-konsegwenza li qed jinħoloq periklu kbir ukoll. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandha tiddiskuti dwar dawn il-problemi fil-laqgħat tal-Kumitat Konġunt dwar l-Infurzar tal-Liġi, u b'hekk tittieħed azzjoni minn naħa tal-Gwardjani Lokali.

iii. George Debrincat li joqgħod fi Triq Madonna tal-Ħniena talab lill-Kunsill biex jintefa' zrar/ramel biex tiġi livellata Triq tal-Ħorob li twassal sa Triq Madonna tal-Ħniena. Fil-fatt il-Kunsill diġa naddaf din it-triq peress li kien hemm ħafna skart li ntefa' matul ix-xhur li għaddew. Il-Kunsill qabel li nillevellaw din it-triq permezz taż-żrar/ramel.

iv. John Baptist Vella ta' Plot 55 Triq 27 ta' Novembru, talab biex il-marki tat-traffiku (Double yellow lines) li saru fl-istess triq kantuniera ma' Triq Ta' Ġokk jitwalu ftit ieħor u b'hekk huwa jkun jista' jipparkja quddiem tiegħu mingħajr tfixkil peress li bħalissa qed jipparkja xi ħadd ieħor quddiem tiegħu. Il-Kunsill qabel li l-marki tat-traffiku għandhom isiru kif approvati mill-ADT u għalhekk ikunu ħames metri mill-kantuniera.

v. Tony Galea li joqgħod Triq Dun Grezz Farrugia ilmenta mal-Kunsill dwar tabella tat-traffiku li twaħlet dan l-aħħar. It-tabella tat-traffiku tindika li fiz-zona tal-HOS tal-Barmil ma jistgħux jipparkjaw vetturi kbar (trakkijiet). Huwa qed jitlob li din għandha titneħħa. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta. It-tabella twaħlet bl-approvazzjoni tal-ADT.

vi. Mariano Zammit li joqgħod fi Triq Sta Marija lmenta mal-Kunsill dwar bankina fi Triq Hebron fejn għandu post it-tifel tiegħu (Michael Zammit) li jinsab imsiefer (u għalhekk huwa qed jieħu ħsieb dan il-post). Mariano Zammit qal li r-resident li joqgħod ma' genb il-post ta' Michael Zammit, baxxa l-bankina bil-konsegwenza li jista' jidħol l-ilma tax-xita fil-post tat-tifel tiegħu. Mariano Zammit qal li r-resident li baxxa l-bankina huwa John Cassar li joqgħod 80 Triq Hebron. Mariano Zammiet qal li l-katusa li tirċievi l-ilma tax-xita mill-bejt u btieħi interni tista' tinkiser faċilment mill-vetturi peress li issa m'hemmx bankina. Il-Kunsill qabel li mmorru naraw fuq il-post biex jekk huwa possibbli din il-problema tiġi solvuta.

vii. Peter Paul Debono ta' Triq Benneja talab biex titneħħa r-road hump li kienet saret fl-istess triq peress li qed ikun hemm ħafna storbju kull darba li tgħaddi vettura speċjalment vetturi kbar. Peter Paul Debono qal li huwa għandu tifel bi bżonnijiet speċjali u qed tkun diffiċli għalih li jistrih speċjalment fil-ħinijiet ta' wara nofs in-nhar u bil-lejl peress li l-vetturi jgħaddu kontinwament. Il-Kunsill qabel li din r-road hump għandha titneħħa mill-ħaddiema tal-Kunsill.

viii. Salvu Pace ta' 57 Triq Manwala talab lill-Kunsill biex il-bankina tiegħu issir mill-ġdid bil-madum griż. Il-Kunsill qabel li din il-bankina ssir mill-WD.

ix. **<u>Jum ix-Xewkija:-</u>** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kien kellimha l-Arċipriet dwar l-attivita ta' Jum ix-Xewkija peress li f'dawk iż-żminijiet ser ikollu xi attivita oħra fiċ-Ċentru Parrokkjali u b'hekk għandna niddiskutu biex ma jinzertawx fl-istess ġurnata. L-Arċipriet qal li l-attivita ser issir fil-21 ta' Novembru. Il-Kunsill iddiskuta dwar meta għandha ssir l-attivita prinċipali ta' Jum ix-Xewkija u qabel li din is-sena issir is-Sibt 28 ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li għandna nibdew bil-preparamenti biex din l-attivita tkun tista' ssir. Se jiġi organizzat Premju Ġieħ ix-Xewkija kif sar dawn l-aħħar snin. Il-Kunsill iddiskuta dwar attivitajiet li jistgħu jsiru matul ix-xahar ta' Novembru fosthom wirja tal-għasafar, wirja mill-artist (u Kunsillier) Hubert Saliba, kompetizzjonijiet għat-tfal tal-iskola, tournament tal-football għat-tfal u attivitajiet oħra. Is-Sindku pproponiet ukoll li nikkuntattjaw lil Ms Lousie Falzon fl-Ambaxxata Amerikana għal Malta biex naraw dwar il-possibilta li tiġi organizzata xi attivita fl-okkażjoni ta' Thanks Giving Day.

x. Martin Grima nforma lill-Kunsill li f'għalqa privata fl-inħawi tal-Barmil hemm bir li ma fihx ħorża u għalhekk huwa ta' periklu għat-tfal li jistgħu jinzertaw f'din l-għalqa. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Hubert Saliba għandu jmur fuq il-post biex jara jkunx jaf ta' min hi l-għalqa u jekk hemm il-periklu jsir ix-xogħol meħtieġ.

xi. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li l-kuntratt dwar tindif tat-toroq jagħlaq fil-15 ta' Settembru 2009. Peress li l-offerti l-ġodda jintlaqgħu sa nhar it-Tnejn 28 ta' Settembru 2009, il-Kunsill qabel li għandna nġeddu l-kuntratt li għandna bħalissa ma' Xewkija Tigers FC għal xahrejn oħra u għalhekk ikun jagħlaq fil-15 ta' Novembru 2009.

xii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kellu lment dwar biex teħel tabella fi Triq Widnet il-Baħar li tindika li fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja, Triq Ħamrija

XEWKIJA

tkun magħluqa għat-traffiku.  Il-Kunsill qabel li għandna nordnaw din it-tabella għand Refalo Signs.

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.00pm.  Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ottubru, 2009 fis-7.00pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku